MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 75

3 ta' Mejju 2017

Minuti tas-seduta Nru. 75 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 3 ta' Mejju 2017 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 74, li saret fis-17 ta' April 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Aċċess għal-tagħrif dwar il-lokalità permezz ta' *smart phones* (I/1/3/Vol VI)

2.1.2. Il-Kunsillier P. Cutajar rrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti, u għarraf li fit-3 ta' Mejju 2017 saret laqgħa mas-Sur G. Borg D'Anastasi. Fl-istess laqgħa ngħatat ħarsa fid-dettal lejn kull aspett tas-sistema msemmija, kif ukoll ġie ċċarat illi huwa possibbli li ċertu tagħrif li jeħtieġ jinbidel minn żmien għal żmien jista' ikun sinkronizzat ma' dak li jkun hemm fis-sit elettroniku tal-Kunsill. Is-Sur P. Cutajar qal ukoll illi huwa importanti ta' ċerta informazzjoni tkun tista' titniżżel anke waqt li ma jkunx hemm is-servizz tal-internet.

2.1.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase order* relattiva.

### 2.2.1. Tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa – Manikata (P/4/25)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa tkellem mal-Perit Richard England dwar is-suġġett t'hawn fuq. Il-Perit England offra li jagħmel proposta dwar it-tibiħ tal-pjazza permezz ta' skizz.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Talbiet dwar it-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet quddiem barijiet u stabbilimenti li jservu l-ikel (T/4/10/Vol II)**

2.3.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li skont s-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar, l-applikazzjoni PA 1877/17 dwar it-tqegħid imwejjed u siġġijiet bl-umbrellel u faċilitajiet anċillari fi Ġnien tas-Salib, faċċata ta' Reflections Sport Pub & Grill, kienet ġiet irtirata mill-applikant.

2.3.3. Fir-rigward tal-applikazzjoni PA 2029/17 dwar it-tqegħid ta' imwejjed fi Triq il-Madonna tal-Għar u f'Misraħ il-Parroċċa, is-Segretarju għarraf li saru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar skont id-deċiżjoni

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. *Weight Lifting* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)**

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa żar id-*dressings rooms* tal-Park tal-Familja. Mill-istess żjara rriżulta li l-madum fejn isir il-*weightlifting* huwa miksur u jeħtieġ li jissewwa bil-konkos fuq medda ta' 2.44 m X 2.44 m. Dan għandu jitħalla 15 mm skars bil-għan li jkun jista' jitqiegħed il-madum, kemm-il darba il-post ma jibqax jiġi wżat għat-taħriġ tal-*weightlifting*.

2.4.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 2.4.2.

**2.5.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)**

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 13.1. tas-seduta ta' qabel u kkummentat illi ż-żjara li saret fil-belt Valletta fit-28 ta' April 2017 fl-okkażjoni tal-Valletta Green Festival, marret tajjeb ħafna, partikularment il-parti li kienet tinvolvi l-Monasteru ta' Santa Katerina.

2.5.3. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet illi l-ħarġa li jmiss tkun fit-18 ta' Mejju 2017 għall-Kavallier ta' San Ġakbu fil-belt Valletta, fejn ser ikun hemm għall-wiri s-Sejf tal-Granmastru La Valette. Hija qalet li l-ħlas jeħtieġ li jkun ta' €10 kull persuna, biex jiġi kopert it-trasport bil-*minibus* u l-waqfa għal kafe`.

2.5.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

**2.6.1. Pavimentar taz-zuntier f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa (P/4/3/Vol IV)**

2.6.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 13 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni PA 1631/17 mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ikun jista' isir it-titjib imsemmi. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna li l-Awtorità talbet tibdil fil-pjanti bit-tneħħija tal-bust tal-Kappillan Magri minn fuq iż-żuntier bil-għan li l-knisja tibqa' tiddomina. Intalbet modifika wkoll fir-rampa għall-persuni b'diżabilità biex tinġieb konformi mal-linji gwida dwar l-aċċessibilità.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 27/04/17;
- Skeda ta' Xiri permezz tal-*Petty Cash* – 07/04/17 – 27/04/17;
- Skeda ta' Pagamenti – 13/04/17 – 27/04/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Call centre* fuq bażi reġjonali (K/1/8/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għall-ittra datata 21 ta' April 2017, mibgħuta mir-Reġjun Tramuntana bi proposta sabiex jitwaqqaf *call centre* fuq bażi reġjonali permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti. Skont l-istess ittra, l-ispiża inizjali hija stmata li tlaħħaq €6,000, filwaqt li s-servizz jiswa €8,000 lit-tnax-il Kunsill imsieħba flimkien. Fir-rigward tal-Mellieħa din tissarraf fi spiża ta' €928 fix-xahar jew €11,140 fis-sena, ikkalkulati fuq popolazzjoni ta' 8,661, bil-VAT inkluża. Ġie spjegat ukoll li l-Kumitat Reġjonali qed jgħid li permezz ta' din l-inizjattiva, l-ilmenti kollha jittieħdu mill-*call centre* u sussegwentement jintbagħtu lill-entitajiet konċernati, jew lill-Kunsilli Lokali, skont il-każ.

4.1.3. Il-Kunsillier H. Fenech qal li huwa jaqbel illi jingħata servizz ċentrali dwar l-ilmenti, peress li dan inaqqas il-pressjoni fuq il-ħaddiema tal-Kunsill.

4.1.4. Is-Sindku kkummenta li huwa importanti ħafna illi minn jieħu l-ilmenti jkun familjari mal-lokalità u allura jkun kapaċi jiżen l-urġenza tagħhom. Huwa qal li għandu dubji kemm din l-aspett jista' jiġi trattat aħjar minn persuna li ma taħdimx fl-uffiċċju tal-Kunsill.

4.1.5. Ġie osservat li l-popolazzjoni tal-Mellieħa attwalment tlaħħaq 'il fuq minn 10,000, filwaqt li diġa kien hemm żewġ Kunsilli li ma jixtiequx jabbonaw f'din l-inizjattiva. Minħabba dawn iż-żewġ fatturi, ċertament li l-ispiża titla' iktar minn kif indikat fil-minuta 4.1.2.

4.1.6. Is-Segretarju stqarr li s-sistema servizz.gov.mt tieħu l-parti sostanzjali mill-ilmenti li jsiru mill-pubbliku u tindirizzahom direttament lill-entitajiet konċernati, filwaqt li l-bqija jkunu marbuta ma' servizzi li statutorjament obbligati jirrendu l-Kunsill Lokali. Apparti dan, hemm ukoll minn jagħżel li jgħaddi l-ilmenti tiegħu permezz tas-sit elettroniku tal-Kunsill, li l-aċċess għalih ġie riċentement faċilitat wkoll permezz tal-i*smart phones* . Is-Sur C. Debono qal ukoll li hemm it-tendenza li r-residenti jmorru dirett għand il-Kunsillieri, jew għand l-uffiċjali tal-Kunsill, biex jiżguraw li l-ilment tagħhom jasal.

4.1.7. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li fid-dawl tar-raġunijiet imsemmija fil-minuti 4.1.4., 4.1.5. u 4.1.6. is-servizz propost ma jiġġustifikax l-ispiża, minħabba illi l-għodda li diġa hemm għad-dispożizzjoni tal-pubbliku hija suffiċċjenti.

### 4.2.1. Festa Familja – Kummissjoni Familja (S/6/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 24 ta' April 2017, mibgħuta mill-Kummissjoni Familja fi ħdan il-Parroċċa tal-Mellieħa, fejn il-Kunsill intalab ikun parteċipi fl-organizzazzjoni tal-attività msemmija billi jipprovdi logħob għat-tfal li jkunu preżenti fil-21 ta' Mejju 2017 f'Misraħ il-Parroċċa.

4.2.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 4.3.1. Noah's Ark Animal Sanctuary (A/9)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 21 ta' Mejju 2017, mibgħut minn Noah's Ark Animal Sanctuary, fejn appellaw lill-Kunsill sabiex jgħin lil din l-organizzazzjoni tkompli tagħti s-servizz tagħha favur il-ħarsien tal-annimali.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi għas-servizz siewi li qed jingħata minn din l-organizzazzjoni, sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbisx €800 fuq medda ta' tnax-il xahar.

### 4.4.1. Puġġaman fi Triq l-Isqof Pace (P/5/8/2)

4.4.2. Saret referenza għal minuta 4.3.1. tas-Seduta Nru. 70 tat-3 ta' Jannar 2017, dwar talba li saret mis-Sur Michael Mifsud sabiex ineħħi puġġaman u balavosti mal-ġenb tat-taraġ li jagħti

għall-fond tiegħu f'Nru. 1, Triq l-Isqof Pace, biex minfloku jagħmel qsari. Kif mitlub, is-Sur Mifsud għadda pjanta li tindika l-proposta tiegħu.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-tarġa proposta quddiem il-bieb tkun perikoluża minħabba l-għoli, kemm-il darba ma jsirx puġġaman mal-ġenb tagħha. Apparti dan il-punt, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jinkisbu permessi li jistgħu jkunu meħtieġa minn entitajiet oħra konċernati.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 27 ta' April 2017.

5.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li *items* 36 u 37 għandhom jiġu rtirati, peress li l-programm tal-attività fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fil-25 ta' Mejju 2017 li kellu jsir fis-Solana Hotel ġie kkanċellat minħabba l-attivitajiet marbuta mal-Elezzjoni Ġenerali.

5.4. Is-Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-*items* 31 u 32 tal-iskeda u ddikjara li ser jirtira mid-diskussjoni dwarhom, peress li għandu parentela mal-fornitur konċernat.

5.5. Il-Kunsillier E. Bartolo għamel dikjarazzjoni simili b'rabta mal-*item* 34.

5.6. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-13 u s-27 ta' April 2017.

6.3. Tressqet ukoll Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn il-11 ta' Marzu u 6 ta' April 2017.

6.4. Il-Kunsillier P. Cutajar irtira mid-deċiżjoni dwar l-pagament Nru. 046-04-17 minħabba nteress pekunjarju.

6.5. Il-Kunsillier E. Bartolo ddikjara wkoll li huwa kien qiegħed jastjeni mid-deċiżjoni fir-rigward tal-pagament Nru. 065-04-17, minħabba parentela tal-fornitur.

6.6. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fiż-żewġ skedi. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:

**"Billi l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2016 oriġinali, li ġew sottomessi u approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 71 tas-16 ta' Frar 2017; u**

**Billi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2016 oriġinali, ġew spjegati fid-dettal permezz ta' skeda li ġiet mgħoddija mill-istess udituri;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Uditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".** **(F/1/2/Vol VIII)**

7.2. Tressqet skeda ta' aġġustamenti proposti mill-udituri li kienet tinvolvi:

- Il-mod ta' turija ta' figuri marbuta mal-konsum tal-elettriku u ilma;
- L-inklużjoni ta' assi permanenti żgħar, marbuta mal-uffiċċju amministrattiv akkwistati matul l-2016; u
- U riklassifikazzjoni ta' għotjiet mill-Gvern Ċentrali.

7.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**8.1. Innu tal-Mellieħa (K/2/10)**

8.2. Is-Sindku għarraf li kien hemm laqgħa tal-Bord tal-Għażla skedata għat-2 ta' Mejju 2017, iżda kellha tiġi kkanċellata peress li mhux il-membri kollha setgħu jattendu. Laqgħa oħra ġiet appuntata għat-8 ta' Mejju 2017.

8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**9.1. Immaniġġjar ta' Traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/3/Vol V)**

9.2. Is-Sindku għarraf li fis-26 ta' April 2017 saret spezzjoni fit-triq imsemmija, flimkien ma' uffiċjali minn Transport Malta dwar l-introduzzjoni ta' sistema *one-way* li talterna fid-direzzjoni permezz ta' *traffic lights*. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-awtorità, flimkien mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura qablu li jintroduċu l-arranġament imsemmi bi prova. L-istess laqgħa serviet ukoll biex jiġi stabbilit kif tista' issir l-installazzjoni temporanja tagħhom.

9.3. Is-Segretarju spjega li Enemalta plc tat il-konsens tagħha sabiex il-*cabling* meħtieġ jiġi mgħoddi temporanjament fuq il-*brackets*. F'każ li aktar 'il quddiem, jiġi deċiż li s-sistema tinżamm fuq bażi permanenti, ikun jeħtieġ li jsir *ducting* fil-bankina.

9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**10.1. Tħejjijiet għall-*Mellieħa International Music Festival* 2017 (A/5/3/4)**

10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li dan l-avveniment jiġi pospost għal dati oħrajn peress li bejn l-1 u l-4 ta' Ġunju 2017 jaħbat eżatt mal-elezzjoni ġenerali.

10.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u għalhekk talab li jiġu rtirati l-purchase orders li setgħu nħarġu b'rabta ma' dan l-avveniment.

**11.1. Sejħa għall-Offerti MLC 2/2017 – Servizz ta' Tindif ta' Toroq Urbani (T/4/5/Vol IV)**

11.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sejħa msemmija għalqet fl-20 ta' April 2017 u kien hemm rispons għaliha kif jidher hawn taħt:

| Offerent | Prezz Annwali b'5% *Contract Management Fee* mingħajr VAT |
|---|---|
| Owen Borg | €26,800.00 |
| Premier Business Ltd | €28,479.36 |
| Antoine Fenech | €30,600.00 |
| Alexander Fenech | €32,980.00 |
| Waste Collections Ltd | €32,900.00 |
| Saviour Mifsud | €35,593.22 |
| Elton Zammit | €36,567.45 |

11.3. Il-Kunsill innota l-iskeda u ħatar lis-Sindku J. Buttigieg, il-Viċi Sindku C. Bartolo u lill-Kunsillier E. Bartolo, bħala evalwaturi.

**12.1. Użu ta' sit f'Tat-Tomna (P/4/1)**

12.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat minn kuntrattur li qed iħaffer trinek fi Triq il-Marfa sabiex jitqiegħed *cable* għall-Enemalta plc. Dan talab li temporanjament ipoġġi *crusher* f'Tat-Tomna sabiex it-terrapien iġġenerat jinġieb torba u jerġa jintuża biex fiha jitqiegħed il-*cable*.

12.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-*crusher* jitpoġġa għal perjodu ta' xahar fuq l-art li tinsab bejn l-art li tappartjeni lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u Triq il-Mellieħa.

**13.1. Rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin (A/5/5/Vol VII)**

13.2. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa kompla jintensifika l-pressjoni fuq il-livell politiku, kif ukoll ma' uffiċjali ta' Transport Malta bil-għan illi jiġu onorati l-obbliġi kollha li joħorġu mill-ftehim li sar bejn Central Mediterranean Development Corporation u l-Ministeru responsabbli mit-toroq iffirmat fit-18 ta' Frar 2008. Is-Sindku stqarr li l-kuntatti kellhom jitkomplew fit-2 ta' Mejju, iżda l-laqgħa ġiet posposta għall-4 ta' Mejju.

13.3. Il-Kunsillier E. Bartolo lmenta li bħala kunsillier huwa ħassu mbarazzat meta sar jaf li għaddejjin il-kuntatti msemmija minn sors ieħor.

13.4. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ser jiġi aġġornat bl-iżviluppi minnufiħ, hekk kif l-eżitu` tal-kuntatti li għaddejjin ikun wieħed pożittiv u konkret.

13.5. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**14.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol VIII)**

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li ssir attività fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa nhar is-Sibt, 13 ta' Mejju 2017, bejn id-9.30am u l-11.00am bil-parteċipazzjoni ta' Joe u Monica Farrugia. Ġie propost ukoll l-ommijiet anzjani residenti fl-istess dar jingħataw fjura kull wieħed.

14.3. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet ukoll li ssir attività oħra fl-okażjoni ta' Jum il-Missier f'Ġunju.

14.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**15.1. Kors ta' żfin Zumba (E/3/1/8)**

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-għalliema attwali taż-zumba ser tkun indisposta u għalhekk mhux ser ikun possibbli għaliha li tkompli l-kors. Għaldaqstant għandha tinstab għalliema oħra biex tidħol minflokha, possibilment fis-Sala Professur Godfrey Wettinger fl-Iskola Primarja.

15.3. Il-Kunsill innota u approva l-proposta mressqa.

**16.1. Sessjonijiet tal-*aerobics* għall-anzjani (E/3/1/11/Vol II)**

16.2. Is-Sindku aċċenna għall-fatt li s-sessjonijiet tal-*aerobics* fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, immexxija mis-Sur Christian Olschleger ser jintemmu fl-aħħar ta' Mejju 2017. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li dawn jitkomplew sa Awwissu 2017.

16.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**17.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)**

17.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li minħabba l-elezzjoni ġenerali, l-finali tas-*Snooker* tas-*Singles* u d-*Doubles* kellhom jiġu trasferiti għas-16 u l-24 ta' Mejju 2017, rispettivament fiċ-

Ċentru Laburista tal-Mellieħa. tad-*Doubles* intlagħbet fit-2 ta' Mejju 2016. Il-parteċipanti ssuġġerew li l-preżentazzjoni ssir fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill.

17.3. Is-Sindku ppropona li għal din id-darba, il-finali ssir f'xi każin mhux politiku. Huwa ssuġġerixxa wkoll li preżentazzjoni tat-*tokens* u l-*vouchers* isiru dakinhar tal-finali.

17.4. Il-Kunsill approva d-dati tal-finali proposti fil-minuta 17.2., filwaqt li qabel mas-suggeriment imressaq fil-minuta 17.3.

## 18.1. Inċident fi Triq Franġisk Zahra k/m Triq Santa Marija (T/3/2/Vol XII)

18.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għal inċident tat-traffiku li ġara riċentement fil-post imsemmi. Huwa qal li dan jista' kien kawża ta' *hoarding* li sar madwar qatgħa mhux mibnija, li l-kantuniera tiegħu għandha tiġi mibdula biex issir anqas perikoluża.

18.3. Is-Sindku qal li l-inċident kien ikkawżat minn nuqqas ta' osservanza tat-tabelli u sinjali tat-traffiku li hemm fuq il-post. Ġie osservat ukoll li hemm mera fuq il-post.

18.4. Il-Kunsill qabel mal-opinjoni espressa mis-Sindku skont il-minuta 18.3.

## 19.1. Bini devolut lill-Kunsill fil-Park tal-Majjistral (A/4/10)

19.2. Is-Sindku aċċenna li l-Mellieħa Athletics Club kien qed jagħmel użu mid-*dressing rooms* fil-Park tal-Familja biex jitpoġġa t-tagħmir użat fl-atletika. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan il-post jinvolvi ħafna skariġġ peress li jiġi bogħod mit-triq. Għaldaqstant huwa ppproponielhom l-użu ta' kamra fil-bini devolut lill-Kunsill fil-Park tal-Majjistral.

19.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-8.45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn , 12 ta' Ġunju 2017 fis-7.00 pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**